A.L. 299 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B.Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2006 għall-gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 ta' l-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2006 jew wara.

L-Emenda għall-oOrdinament 6 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 6 (a) (ii) ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) iġibu marka ta' mhux anqas minn 50% fit-taqsima studju fil-Matematika u 55% fit-taqsima studju fl-Accounting Theory and Practice u 45% fil-bqija tat-taqsimiet studju obbligatorji meħuda fl-ewwel sena tal-Kors."